SAN GILJAN

**KUNSILL LOKALI SAN ĠILJAN**
**Triq Forrest, San Ġiljan, STJ 2033**
Tel: 21373111 Fax: 21373444
email: sangiljan.lc@gov.mt

**Rif Minuti 2 – Espressjoni ta' Interess - Proġett Dar ta' l-Anzjani inkluz bini ġdid ta' l-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill**

## 1. Introduzzjoni

1.01 Minuti tal-laqgħa tas-sotto kumitat ta' nhar it-Tlieta 13 t'Awwissu 2013.

1.02 Il-laqgħa saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, Triq Forrest, San Ġiljan, fid-9.45a.m.

1.03 Preżenti:
Is-Sindku Peter Bonello
Il-Viċi Sindku Charles Camenzuli
Il-Kunsilliera Rita Dimech Portelli
Il-Kunsillier Anthony Grech
Il-Kunsillier Norman Vella
Il-Kunsillier John Agius
Il-Kunsilliera Irene Borg
Il-Kunsillier Richard Scicluna
L-iskrivana Marilyn Cassar

1.04 Skużati: Il-Kunsillier Alex Grech

1.05 Kienu preżenti wkoll il-Perit tal-Kunsill, Stephen Farrugia kif ukoll l-Avukat Dr. Jennifer Shaw mill-Uffiċċju ta' Dr. Stefano Filletti li huwa l-Avukat tal-Kunsill.

1.06 Is-Sindku Peter Bonello ppresieda l-laqgħa.

1.07 Il-Perit ġie mitlub jiddikjara jekk ghandux xi konflitt ta' nteress.

1.08 Il-Perit iddikjara li m'għandux konflitt ta' nteress u li ta l-parir tiegħu mingħajr l-ebda favur filwaqt li għamilha ċara li hu mexa

fuq id-dokumenti li ġew sottomessi u li ma' tkellem ma' ħadd mill-kuntratturi.

1.09 Waqt din il-laqgħa ċ-Ċermen wera x-xewqa li min eventwalment jintgħażel għal dan il-proġett, iħallas għall-permessi kollha neċessarji, il-binja tal-Kunsill titla' mal-binja tad-Dar tal-Anzjani kif ukoll li l-Kunsill ikollu l-aħħar kelma fuq il-binja tiegħu.

1.10 Il-Kunsillier John Agius għamilha ċara li hu personali ma ġie avviċinat minn ħadd dwar il-proġett.

1.11 Anke dawk preżenti kkonfermaw li ma ġewx avviċinati minn hadd dwar il-proġett.

1.12 Il-Kunsillier John Agius issuġġerixxa li jiġu avviċinati t-tlett kuntratturi biex jisottomentu l-Espressjoni ta' Interess għas-sejha tal-Gvern.

1.13 Ma kienx hemm qbil fuq dan.

1.14 Il-Perit issuġġerixxa li l-Kunsill jagħżel *bidder* biex isiru d-diskussjonijiet miegħu skont ix-xewqat tal-Kunsill u jekk dawn id-diskussjonijiet ifallu, jibdew d-diskussjonijiet mal-kuntrattur l-ieħor.

1.15 Hawnhekk il-Kunslliera ddeċidew li jivvutaw.

1.16 L-Avukata kif ukoll il-Perit ġew skużati fl-10.25a.m.

1.17 Iċ-Ċermen ressaq għall-vot, min hu favur li jintgħażel l-CareMalta Ltd.

1.18 B'ħames voti favur u tlieta kontra, ġie appuntat CareMalta Ltd bhala l-*istrategic partner*.

1.19 Ġie deċiż li CareMalta Ltd tiġi nfurmata filwaqt li ssir laqgħa magħhom l-għada l-Erbgħa 14 t'Awwissu 2013 fil-11.00a.m.

1.20 Il-laqgħa ntemmet fl-10.30a.m.

| | |
|---|---|
| **Peter Bonello** | **Marilyn Cassar** |
| **Sindku** | **Skrivana** |